

- 4) Il-European Paper Packaging Alliance, il-Kummissjoni, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-Parlament u l-Kunsill għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom relatati mat-talba għal intervent.

(¹) ĠU C 431, 25.10.2021.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2022 – Primagran vs EUIPO – Primagaz (primagran)

(Kawża T-624/21) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea primagran – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea preċedenti PRIMA – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Artikolu 27(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/625 – Artikolu 95(1) tar-Regolament 2017/1001 – Projbizzjoni ta’ reformatio in pejus – Rikors manifestament infondat fid-dritt”)

(2022/C 463/66)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Primagran sp. z o.o. (Stegna, il-Polonja) (rappreżentant: E. Jaroszyńska-Kozłowska, avukata)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Palmero Cabezas, J. Crespo Carrillo u V. Ruzek, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Compagnie des gaz de pétrole Primagaz (Pariġi, Franza) (rappreżentant: S. Herrburger, avukata)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorreni titlob l-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-28 ta' Lulju 2021 (Każ R 2486/2020-4).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Primagran sp. z o.o. hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha stess, kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Compagnie des gaz de pétrole Primagaz.

(¹) ĠU C 481, 29.11.2021.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Ottubru 2022 – Callaway vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-653/21) (¹)

(“Rikors għal annullament – Politika agrikola komuni – Katalgu komuni ta’ varjetajiet ta’ speċi ta’ pjanti agrikoli – Varjetajiet ta’ pjanti – Produttur tal-varjetà ta’ qanneb Finola – Żoni kkultivati fil-Polonja – Varjetajiet ta’ qanneb eliġibbli għal sostenn finanzjarju li jaqa’ taħt il-politika agrikola komuni – Kontenut ta’ tetrahydrocannabinol (THC) – Awtorizzazzjoni mogħtija lill-Polonja li tipprekludi l-kummerċjalizzazzjoni tal-varjetà Finola fit-territorju tagħha – Nuqqas ta’ interess dirett – Inammissibbiltà”)

(2022/C 463/67)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: James C. Callaway (Kuopio, il-Finlandja) (rappreżentant: P. Hoffman, avukat)